MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 1/2001/3

**Angela Mangion**

**vs**

**Gustavo Sciortino f'ismu proprju u bhala prokuratur tal-assenti Henry, Lewis, Elvira mart John Musca, James u Alexandra, lkoll ahwa Sciortino u b'digriet tal-15 ta' Jannar 1997 stante l-mewt ta' Gustavo Sciortino r-rikorrent, l-atti tal-kawza ghaddew f'isem ibnu Stephen Sciortino.**

Il-Bord;

Ra ir-rikors ippresentat minn Angela Mangion fil 21 ta' Novembru 2001:

Peress illi fis-26 ta' Mejju 1999 permezz ta' sentenza tal-Bord dwar Il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, fil-kawza fl-ismijiet "*Gustavo Sciortino f'ismu proprju u bhala prokuratur tal-assenti Henry, Lewis, Elvira mart John Muscat James u*

*Alexandra, lkoll ahwa Sciortino u b'digriet tal-15 ta' Jannar 1997 stante l-mewt ta' Gustavo Sciortino r-rikorrent, l-atti tal-kawza ghaddew f'isem ibnu Stephen Sciortino vs Angela Mangion*" (rikors nru 17B/96JAB) l-istess Bord awtorizza lir-rikorrenti li jirriprendu minghand l-attrici odjerna l-pussess tan-nofs (1/2) indiviz tar-razzett u tlett itmiem cirka ta' raba annessi mieghu, maghrufa bhala "Tal-Hlantun" f'Misrah il-Hlantun, limiti ta' Hal Safi, u dan sal-15 t'Awissu 1999, bl-ispejjes kontra l-istess intimata.

Peress illi l-attrici saret taf bil-proceduri fuq imsemmija biss f'Settembru tas-sena 2001, wara li giet mghoddija kopja tas-sentenza in kwistjoni mill-attur u wara marret dritt ghand l-avukat tal-fiducja taghha, u

Peress illi kontrarjament ghal dak li jirrizulta mir-riferta tal-Marixxall, ir-rikors (Nru. 17B/96JAB) ma giex notifikat lill-attrici skond il-ligi izda gie notifikat f'idejn zewgha Emmanuel  li kienet separata de facto minn mieghu kif ghadha sal-lum u li jghix f'fond iehor, u cioe' 12, Sqaq San David, Zurrieq u mhux fl-indirizz 8, Sqaq San David, Zurrieq u dana kif jirrizulta sija mid-dokument ufficjali tal-karta tal-identita, kif ukoll minn xi nies li jistghu jixdhu s-separazzjoni tal-kontendenti.

Peress illi ghalhekk l-attrici qatt ma giet notifikata skond il-ligi bl-atti tar-rikors imsemmi, u peress illi qatt ma kienet taf bil-proceduri kontra taghha u ghal din ir-raguni ma attendiet ghas-smiegh tal-istess, b'dan illi l-Bord wasal ghall-konkluzzjoni li 't-talba in ezami kif dedotta mil-istess rikors ma gietx kontestata mill-intimata …u…li l-istess talba ghandha tigi akkolta';

Peress illi ghar-raguni fuq premessa jesizti lok ta' ritrattazzjoni tar-rikors imsemmi kif kontemplata fl-Art 811 paragrafu (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghidu ghalhekk il-konvenut proprio et nomine ghaliex dan l-Bord m'ghandux:

1. Jirrevoka u jhassar is-sentenza moghtija mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' fl-ismijiet "Gustavo Sciortino f'ismu proprju u bhala prokuratur tal-assenti Henry, Lewis, Elvira mart John Muscat, James u Alexandra, lkoll ahwa Sciortino u b'digriet tal-15 ta' Jannar 1997 stante l-mewt ta' Gustavo Sciortino r-rikorrent, l-atti tal-kawza ghaddew f'isem ibnu Stephen Sciortino vs Angela Mangion" (Rikors Nru 17B/96JAB) a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Jordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fuq citata kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet tal-intimati fejn laqghu ghal-azzjoni billi eccepew illi d-domandi attrici huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt kif ser jighi ppuvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Ra id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti konfermata bil-gurament minn Stephen Sciortino fejn qalu:

1. Illi mhux minnu dak li tallega l-attrici li saret taf bil-prpceduri tal-kawza deciza fis-26 ta' Mejju 1999 f'Settembru 2001. Il-fatti ser juru illi l-konjugi Mangion it-tnejn kienu jafu bil-proceduri sa mindu bdew.

2. Illi mhux minnu li l-esponenti ghadda xi kopja tas-sentenza fuq citata lill-attrici f'Settembru 2001.

3. Illi minghajr pregudizzju, n-notifika li saret kienet wahda valida ai termini tal-ligi u ma hemm edba gustifikazzjoni fit-talba attrici.

Ra illi, permezz ta' sentenza moghtija fl 24 ta' Novembru 2008, dana il-Bord, diversament ippresjedut, iddikjara illi ma huwiex kompetenti sabiex jisma ir-ritrattazzjoni ghar-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 811 tal-Kap 12 peress illi l-Artikolu 13 tal-Kap 199 jipprovdi kaz ta' ritrattazzjoni

specjali li l-partijiet jistghu jirrikorru ghaliha biss fil-kazijiet hemm imsemmija.

Ra illi l-Qorti tal-Appell, permezz ta' sentenza moghtija fit 13 ta' Frar 2009, irrevokat is-sentenza moghtija mill-Bord fl 24 ta' Novembru 2008 peress illi sahqet li l-artikolu 13 (3) tal-Kap 199 jipprovdi ghal ritrattazzjoni ghal xi wiehed mill-motivi kkontemplati fl-Artikolu 811 tal-Kap 12, u ghalhekk irrinvjat lura l-atti tal-kawza "ghad-definizzjoni u decizjoni tar-ritrattazzjoni skond il-Ligi".

Ra l-affidavit ta' **Angela Mangion** ippresentat fl 4 ta' Jannar 2010.

Ra ix-xhieda tal-Marixxal tal-Qorti **Joseph Abela** moghtija fid 19 ta' Jannar 2010.

Ra l-affidavit ta' **Francis Mangion** ippresentat fis 27 ta' Settembru 2010.

Ra illi fit 16 ta' Frar 2011, ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi.

Semgha ix-xhieda ta' **Stephen Sciortino** moghtija fit 13 ta' April 2012 u fil 21 ta' Frar 2013 u dokumenti minnu prodotti.

Ra illi, fis-seduta tat 13 ta' April 2012, gie miltub l-allegazzjoni tal-proceduri 17/96 fl-ismijiet 'Gustavo Sciortino vs Angela Mangion' deciza fis 26 ta' Mejju 1999, li taghha qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni, liema talba intlaqghet.

Ra ix-xhieda ta' **Emanuel Zammit**, prodott mir-rikorrenti fil 21 ta' Frar 2013, ghalkemm kienet gia ghalqet il-provi taghha.

Ra illi fil 25 ta' April 2013 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Bord ma jistghax ma jirrivelax l-ewwel u qabel kollox li hija tal-mistija illi kawza li giet deciza fis 26 ta' Mejju 1999 ghadha mhux f'pusizzjoni illi tigi enforzata minhabba fil-proceduri odjerni illi ilhom jiddilungaw ruhhom ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Dana huwa ta’ hsara kemm lis-sistema gudizzjarja kollha u, aktar u aktar, lic-cittadin illi jirrikorri lejn dawna l-Qrati biex jenforzaw id-drittijiet taghhom u li eventwlament jiu lilhom eluzi minhabba fid-dewmien esagerat u inutili illi tali proceduri gew rinfaccjati.

**Ikkunsidrat**

Illi, fil-kawza odjerna, ir-rikorrenti qieghda titlob illi d-decizjoni moghtija mill-Bord fis 26 ta' Mejju 1999 tigi revokata u imhassra a tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 peress illi hija ma gietx notifikata kf trid il-Ligi.

Illi l-Artikolu 811 subartikolu (b) tipprovdi illi sentenza tista tigi imhassra u ritrattata jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża.

Illi, kif jirrizulta minn dokument ippresentat fit 8 ta' Gunju 2011 minn Dr Audrey Vassallo, Assistent Regsitratur tal-Qrati u Tribunali Civili a fol 59 tal-process odjern, <u>fit 23 ta' Mejju 1996</u>, ir-rikorrenti kienet debitament notifikata bir-rikors u bl-avviz ta' smiegh.

Illi jirrizulta wkoll illi fis <u>26 ta' Jannar 1998</u>, ir-rikorrenti reghhet giet notfikata fid-dar taghha '8, Sqaq San David, Zurrieq', liema notifika saret f'idejn ir-ragel taghha Emanuel Mangion, u dana kif jirrizulta minn dokument esebit mir-rikorrenti stess a fol 29 tal-process flimkien mat-tahrika ta' xhieda illi hija harget ghal Marixxal Joseph Abela li eventwalment xehed dwarha fid 19 ta' Jannar 2010.

Illi jirrizulta fir-Registru Elettorali ta' Ottubru 1995, jigifieri dak vigenti ufficjalment fit 23 ta' Meju 1996, li r-rikorrenti kienet registrata fl-istess indirizz ma' zewgha, ossja gewwa 12, Sqaq San David, Zurrieq, filwaqt illi skond ir-registru elettorali ta' Ottubru 1997, jigifieri dak vigenti meta ir-rikorrenti giet notifikata fis 26 ta' Jannar 1998, li r-rikorrenti kienet registrata fil-fond 8, Sqaq San David, Zurrieq, fejn giet attwalment notifikata, filwaqt illi r-ragel taghha kien ghadu registrat fl-indirizz li kellu f'Ottubru 1995. Dana jirrizulta minn dokumentazzjoni ippresentata mill-intimat Stephen Sciortino a fol 89 u 91 rispettivament.

Illi ghalhekk, jirrizulta li kemm fit 23 ta' Mejju 1996 u fis 26 ta' Jannar 1998, ir-rikorrenti giet notifikata fl-indirizz il-korrett taghha skond kif irregistrat mal-Awtoritajiet kompetenti.

**Ikkunsidrat**

Illi fix-xhieda kollha prodotta mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti tishaq illi hija kellha relazzjoni hazina hafna mar-ragel taghha u kien ikun dejjem fis-sakra tant illi, mument minnhom, hija marret tghix ghal rasha erbgha bibien aktar l-isfel fejn kienet originalment tghix mar-ragel taghha. Jidher izda illi separazzjoni legali qatt ma saret.

Illi tali verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikorrenti giet ikkorroborata mit-tifel taghha Francis Mangion fl-affidavit tieghu kif ukoll minn huwha  Emanuel Zammit.

Ir-ragel taghha Emanuel Mangion, qatt ma xehed fil-proceduri odjerni, anke dawk li instemghu mill-Bord diversament ippresjeduta li d-decizjoni taghha giet imhassra, u eventwalment ir-ragel miet fis sena 2005, erbgha snin wara li ndew il-proceduri odjerni u ghalhekk il-Bord ma huwa fl-ebda posizzjoni illi jikkorobora tali verzjoni ta' fatti u allegazzjonijiet u jkollu jistrieh fuq provi ohra prodotti.

Illi l-intimat Stephen Sciortino, mill-banda l-ohra, jghid illi meta nbdiet il-kawza originalment fis-sena 1996, ossija sbatax-il sena ilu, missieru kien ghadu haj izda huwa kien jiehu hsieb l-affarjiet ghalih. Huwa sahaq illi qabel ma nbdew il-proceduri tal-Avviz nru 17/1996, huma kienu kellmu diversi drabi lir-rikorrenti u huwa stess kellem kemm lill Angela Mangion kif ukoll ir-ragel taghha Emanuel Mangion.

L-istess intimat Sciortino jghid illi wara li r-rikorrenti ircevew l-atti tal-kawza, ikkomunikaw mieghu u staqsewh x'kellhom jaghmlu bil-karti, u huwa taghom il-parir sabiex jikkomunikaw ma' avukat.

Illi l-intimat Sciortino ikompli jghid illi fl-istess periodu, huwa kien mar fuq il-post illi dwaru giet intavolata il-kawza 17/2006, u kienet sahansitra marret mieghu Angela Mangion fejn huwa ha diversi ritratti li huwa esebixxa, inkluz wiehed illi fih tidher ukoll l-istess rikorrenti Angela Mangion.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern, il-Bord irid jimxi fuq id-dokumentazzjoni illi ghandu quddiemu, peress illi dawka ghandhom valur probatorju cert, filwaqt illi x-xhieda tal-partijiet, ghalkemm certament ghandha tinghata il-piz taghha, huwa mifhum illi hija moghtija mill-istess xhieda bl-intiza illi l-verzjoni taghhom tal fatti jigu msahha.

Illi, mid-dokumentazzjoni jirrizulta ben car illi r-rikorrenti giet notifikata darbtejn, darba f'Mejju 1996 u darba ohra f'Gunju 1998, u fiz-zewgt okkazzjonijiet, hija giet notifikata fl-indirizz fejn hija kienet officjalment irregistrata li tirrisjedi.

Illi, apparti minn hekk, jirrizulta illi r-rikorrenti kienet ben konxja tal-proceduri li ttiehdu kontra taghha tant illi kienu jikkomunikaw mas-sinjuri Sciortino dwar il-kaz illi kien gie intavolat kontra taghhom diversi drabi.

Il Bord ghalhekk ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jemmen il-verzjoni tax-xhieda kollha prodotta mir-rikorrenti meta jidher car li hija kienet korrettement notifikata, mhux darba imma darbtejn, u kien jidher car li ma hadietx il-passi necessarji sabiex tipprotegi d-drittijiet taghha.

**Konkluzjoni**

**Ghalhekk**, il-Bord, wara illi ha konsiderazzjoni tal-fatti kollha u l-provi kollha migbura tara illi ma hemm ebda raguni ghaliex ghandu jilqa t-talba tar-rikorrenti.

In vista ta' dan, il-Bord jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijiet tal-intimat u jichad it-talba attrici ghar-revoka u thassir tas-sentenza '*Gustavo Sciortino pro et noe vs Angela Mangion*', Rikors Nru 17/1996 deciza fis 26 ta' Mejju 1999.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------